**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT- TLIETA 9 TA' OTTUBRU, 2001

**Numru: 9**

**Avviz Nru: 520/01 JB**

**Rausi Insurance Agency Limited**

**vs**

**A & R Fashions Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm 418.37c ( erbgha mija u tmintax–il lira u sebgha u tlettin centezmi) dovuti ghall-premiums fuq poloz ta' assikurazzjoni illi inhargu mis-socjeta' attrici fuq ordni tas-socjeta' konvenuta, u dana skond ma jidher mill-istatement hawn annessa u mmarkata bhala Dok A.

Illi minkejja illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas hija naqset milli tottempera ruhha.

Tghid ghalhekk s-socjeta' konvenuta ghaliex ma ghandiex tigi kkundannatha thallas lis-socjeta' attrici is-somma indikata ta' Lm 418.37c (erbgha mija u tmintax-il lira u sebgha u tlettin centezmi)

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid ippresentat kontestwalment mal-presenti kontra s-socjeta' konvenuta illi giet ingunta ghas- subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr. Stefan Camilleri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**